

## 50 sena ilu:
# Id-Driegħ ta' San Pawl fil-Mosta
## (1959 - 2009)

kitba ta' Silvio CASSAR

Ċertament li tafu li din is-sena kienet iddedikata lil San Pawl taħt l-isem ta' 'Is-Sena Pawlina 2008-2009. Kien il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI li pproklama s-Sena 2008-2009 lil San Pawl biex jitfakkar l-2000 sena mit-twelid ta' dan il-Qaddis Kbir - Pawlu minn Tarsu. Il-ftuħ tas-Sena Pawlina sar fit-28 ta' Ġunju 2008 u għalqet nhar id-29 ta' Ġunju 2009, festa tal-Appostli San Pietru u San Pawl ... il-festa tal-Imnarja.

Però ta' min isemmi li fl-1960 kien jaħbat iċ-Ċentinarju Pawlin. Dakinhar il-poplu Malti fakkar id-dsatax-il seklu min-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Kien xieraq li l-poplu tagħna ċċelebra dan l-avveniment tal-1900 sena minn meta San Pawl kien ħeles mill-għarqa u l-gżejjer Maltin salvawh u b'hekk daħħal il-Kristjaneżmu f'pajjiżna. Kienu saru festi kbar għal dan iċ-Ċentinarju Pawlin fi gżiritna b'radd ta' ħajr 'l Alla għall-miġja tal-Appostlu San Pawl talli wassal il-fidi nisranija. Il-festi kienu bdew fl-1959, eżattament 50 sena ilu. Is-sena 1959 kienet is-sena ta' preparazzjoni li kellha twassal għas-sena Ċentinarja Pawlina. Kienu saru festi kbar kemm mill-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta kif ukoll kienu saru festi kbar fuq livell Nazzjonali iżjed tard matul is-sena, l-aktar fir-Rabat (Malta) u l-Imdina.

Id-Driegħ ta' San Pawl, li tinsab meqjuma fil-Knisja Arċipretali u Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta kienet bdiet iddur diversi parroċċi madwar il-gżejjer Maltin bħala tħejjija. B'hekk il-poplu Malti u dak Għawdxi jkun qed jitħejja għaċ-Ċentinarju Pawlin li kien fil-qrib u jikber fit-tagħlim u l-imħabba lejn il-fidi nisranija. Għaldaqstant, bejn Jannar u Diċembru tal-1959, id-Driegħ ittieħdet fil-Parroċċi ta' Malta kollha. Kull fejn marret id-Driegħ kienet tinġarr b'karozza mislufa mill-Kavallier Antonio Theuma u misjuqa mis-Sur Alfred Zahra. Ir-Relikwija kienet tkun akkumpanjata wkoll minn żewġ Kanonċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl li kienu l-Kanonku Dun Vinċenz Azzopardi u l-Kanonku Dun Anton Saliba.

Però bejn il-perjodu tal-14 ta' Ġunju u l-31 ta' Lulju 1959, id-Driegħ kienet ittieħdet fil-knejjes tad-Djoċesi t'Għawdex. Tajjeb jingħad li biex id-Driegħ setgħet titwassal Għawdex, is-Sur Anthony Cassar tad-ditta Marsovin, kien silef il-jott tiegħu 'Noneta'.

Il-Parroċċa tal-Mosta laqgħet id-Driegħ ta' San Pawl eżattament bejn il-Ħadd 22 u sal-Ħadd 29 ta' Novembru, 1959. Kien hemm stennija kbira għall-miġja tar-Relikwa fir-Rotunda li f'dik l-epoka kienet taħt l-Arċipriet Mosti Dun Pawlinu Galea. Matul il-ġimgħa li d-Driegħ kienet fir-Rotunda, saru tlett ijiem ta' Tridu sakemm fid-29 ta' Novembru 1959 saret il-purċissjoni bir-Relikwa tul it-toroq Mostin. Tul it-tmint ijiem li r-Relikwa għamlet hawn fil-Mosta, il-poplu Mosti ta qima kbira lid-Driegħ u l-Mostin attendew bi ħġarhom għall-funzjonijiet organizzati tul il-jiem li damet fir-Rotunda.

Għal dik li hija kronaka, id-Driegħ kienet ġiet fil-Mosta minn ġimgħa fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien li kienet hemmhekk bejn il-Ħadd 15, u l-Ħadd 22 ta' Novembru 1959, sakemm dakinhar stess twasslet ġewwa l-beltna għall-qima tal-poplu Mosti. Wara l-ġimgħa shiħa hawn fil-Mosta, id-Driegħ ittieħdet ġewwa l-Imqabba li damet hemm mill-Ħadd, 29 ta' Novembru, sas-6 ta' Diċembru, 1959.

Sadanittant fl-okkażjoni ta' dawn id-diversi żjarat bir-Relikwa li kienu saru fil-parroċċi, il-Papa Ġwanni Pawlu XXIII kien ta l-Indulġenzi Plenarji fl-okkażjoni tas-sena preparatorja spiritwali għaċ-Ċentinarju Pawlin. L-Indulġenzi Plenarji kienu jintrebħu bejn żjarat lir-Relikwija waqt li tkun esposta għall-qima f'xi parroċċa, għal dawk li kienu jieħdu sehem fil-funzjonijiet fil-knisja fejn tkun ir-Relikwa u għal dawk li jieħdu sehem fil-purċissjoni bir-Relikwa.



*Id-Driegħ ta' San Pawl Appostlu li tinsab meqjuma fil-Kolleġġjata ad unur dan il-Qaddis tal-Ġnus fil-Belt Valletta u li kienet ġiet il-Mosta fl-1959. (ritratt: Martin Gravina)*

Riferenzi:
a) Ktieb tal-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl – Valletta 2009.
b) Il-Festi taċ-Ċentinarju Pawlin 1960, Is-sena ta' preparazzjoni 1959 - Martin Gravina, pġ. 72-80.
c) Ħajr lil Rev. Kan. John Ciarlò, B.A., Lic. D.